

Brussell, 19 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6844/1/21
REV 1

CO EUR-PREP 12
POLGEN 36
ECOFIN 224
UEM 49
SOC 123
EMPL 86
COMPET 159
ENV 129
EDUC 77
RECH 90
ENER 66
JAI 246

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Semestru Ewropew - Rapport ta' sinteżi tal-2021

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-rapport ta' sinteżi mħejji mill-Presidenza dwar il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill dwar l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021 u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, kif ukoll dwar id-diskussjonijiet li saru f'vidjokonferenzi ministerjali informali differenti rigward is-Semestru Ewropew 2021 u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, matul l-ewwel fażi tas-Semestru Ewropew.

Kuntest

Il-Kummissjoni nediet iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2021 fis-17 ta' Settembru 2020, bil-pubblikazzjoni tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli (AGSG) 2021¹, li tistabbilixxi gwida strateġika għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Fit-18 ta' Novembru, il-Kummissjoni adottat il-bqija tad-dokumenti għall-Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru Ewropew 2021 - "L-appoġġ għal irkupru sostenibbli u inklużiv fost livell għoli ta' inċertezza":

- ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2021², li jidentifika 12-il Stat Membru li għandhom jiġu soġġetti għal analiżi fil-fond fl-2021;
- il-proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi³, li janalizza l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-sitwazzjoni soċjali u tal-impjiegi fl-Ewropa;
- l-abbozz ta' rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ (rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro), li jappella lill-Istati Membri taż-żona tal-euro biex jieħdu miżuri biex jinkiseb tkabbir inklużiv u sostenibbli, kif ukoll biex tingħata spinta lill-kompetittività; jipprovdi wkoll gwida politika dwar il-prijoritajiet li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jenħtieġ li jsegu fil-Pjanijiet tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Il-pakkett jinkludi wkoll Opinjonijiet dwar l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, Komunikazzjoni dwar is-sitwazzjoni fiskali fir-Rumanija, rapport dwar is-sorveljanza msaħħa għall-Greċja u rapporti dwar is-sorveljanza ta' wara l-programm għal Ċipru, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja.

L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tippreżenta perspettiva ekonomika bbażata fuq it-Tbassir Ekonomiku tas-Sajf 2020, li tbassar li l-ekonomija tal-UE u l-ekonomija taż-żona tal-euro ser jirkupraw fl-2021 wara kontrazzjoni fl-2020. Dan imbagħad ġie kkonfermat fl-aktar tbassir ekonomiku reċenti tal-Kummissjoni Ewropea, it-tbassir tax-Xitwa 2021 minn Frar li għadda. Huwa jirrikonoxxi li l-perspettiva ekonomika tiddependi b'mod kruċjali fuq l-evoluzzjoni tal-pandemija u r-restrizzjonijiet għall-attività ekonomika biex tiġi kkontrollata u li l-appoġġ politiku fil-livell nazzjonali u tal-UE ser ikun kruċjali għall-irkupru.

¹ 10887/20

² 13059/20

³ 13251/20

⁴ 13060/20

L-ASGS tistabbilixxi gwida strateġika għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jsiru d-dokument ta' referenza ewlieni dwar l-inizjattivi ta' politika li jħarsu 'l quddiem tal-Istati Membri. Il-pjanijiet għandhom jinkludu l-aġenda nazzjonali tar-riformi u l-investimenti, ikunu konsistenti mal-isfidi u l-prijoritajiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, ikunu konformi mal-oġġettivi ta' politika tal-UE u jiffukaw fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, il-ġustizzja u l-istabbiltà makroekonomika jibqgħu l-prinċipji gwida li jirfdu l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri.

Bħal fis-snin preċedenti, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli⁵ (fis-6 ta' Novembru 2020). Il-Kunsill qabel li fir-reċessjoni profonda u għal għarrieda kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, il-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna, ta' saħħithom u tal-impjiegi tagħhom kienet kruċjali. Huwa ssottolinja li l-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku kien kruċjali biex jiġi żgurat irkupru rapidu, kompetizzjoni ġusta u prevenzjoni ta' tfixkil fil-ktajjen tal-valur transkonfinali u l-moviment liberu tal-ħaddiema u tal-oġġetti kif ukoll għat-titjib tal-kondizzjonijiet soċjoekonomiċi, u enfażizza li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jeħtieġ li jiġu allinjati mal-prijoritajiet maqbula. Għalhekk, stieden lill-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti xierqa ta' governanza għall-implimentazzjoni effiċjenti u soda tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

Il-Kunsill ħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri biex jaħdmu fuq settijiet koerenti ta' riforma u ta' investiment essenzjali, li jindirizzaw l-isfidi strutturali nazzjonali, inkluż dawk riflessi fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati lill-Istati Membri fiċ-ċikli tas-Semestri tal-2019 u l-2020, u li jappoġġaw it-tkabbir u r-reżiljenza inklużivi u sostenibbli fit-tul.

Filwaqt li ħa nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li fl-2021 tissostitwixxi r-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew b'dokumenti analitiċi li jivvalutaw is-sustanza tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Kunsill issottolinja l-importanza li jinżammu diskussjonijiet orizzontali fil-kumitati rilevanti involuti fis-Semestru Ewropew.

Il-Ministri ssottolinjaw ukoll l-importanza li tiġi salvagwardjata s-sorveljanza multilaterali fi ħdan is-Semestru Ewropew minkejja l-bidliet fiċ-ċiklu tal-2021 u appellaw għal ritorn lejn proċess sħiħ tas-Semestru Ewropew mill-aktar fis possibbli, inkluż l-governanza tiegħu.

⁵ 12631/20

Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija għall-2021⁶ (tal-25 ta' Jannar 2021), il-Kunsill irrikonoxxa li għadd ta' żbilanċi makroekonomiċi eżistenti issa qed jiġu aggravati mill-kriżi tal-COVID-19, u jistgħu jinħolqu riskji ġodda, li jirriżultaw mill-effetti tal-pandemija, b'mod partikolari relatati maż-żieda fid-dejn privat u pubbliku. Innota wkoll li l-qgħad mistenni jiżdied, għalkemm il-politiki ta' appoġġ taffew l-impatt tat-tnaqqis fl-attività, u li t-tnaqqis fil-produttività tax-xogħol huwa stmat li wassal għal żieda fil-kostijiet ta' unità lavorattiva fl-2020. Fl-aħħar nett, huwa appella biex jiġu żgurati reazzjonijiet ta' politika xierqa biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi u biex jiżdiedu l-produttività u l-potenzjal tat-tkabbir u enfażizza l-ħtieġa għal implimentazzjoni rapida tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

Fit-23 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar l-aspetti marbutin mal-impjiegi u dawk soċjali tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli⁷. Il-Ministri laqgħu r-rispons ekonomiku tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istrument għall-irkupru Next Generation EU, l-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) u ż-żieda fil-flessibbiltà fl-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni fi ħdan l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+).

Il-Kunsill issottolinja li s-Semestru Ewropew jibqa' għodda effettiva ta' koordinazzjoni biex tiġi żgurata koerenza fl-aġendi ta' riforma tal-Istati Membri. Il-Ministri qiesu li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jkompli jservi bħala boxxla għal konverġenza 'l fuq lejn kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar fl-Ewropa, filwaqt li jmexxi l-koordinazzjoni tal-politiki soċjali u tal-impjiegi fil-livell tal-Unjoni. Il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiġu implimentati bil-kunsiderazzjoni mistħoqqa għall-kompetenzi rispettivi u li l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu mill-finanzjament sinifikanti tal-UE disponibbli għar-riformi u l-investiment rilevanti, u b'hekk itaffu l-impatt soċjoekonomiku tal-kriżi, iħaffu l-irkupru u jsaħħu r-reżiljenza.

⁶ 5605/21

⁷ 13246/20

Il-Kunsill inkoraġġixxa b'mod qawwi lill-Istati Membri, minħabba d-dimensjonijiet sinifikanti tal-impjiegi u soċjali tal-kriżi attwali, biex jinkludu fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom riformi u investiment essenzjali fis-suq tax-xogħol, il-politika soċjali, il-kura tas-saħħa u l-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li enfasizza li dawn ir-riformi u l-investimenti jenħtieġ li jappoġġaw l-irkupru, jipromwovu t-tkabbir sostenibbli u inklużiv u l-ħolqien tal-impjiegi, kif ukoll jindirizzaw l-isfidi rilevanti identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 u l-2020.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-Kummissjoni, il-Kunsill inkoraġġiha b'mod qawwi biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tirrevedi jew tiżviluppa miri ġodda tal-politika soċjali u tal-impjiegi biex tmexxi l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

Fuq l-inizjattiva tal-Presidenza, il-Ministri responsabbli għall-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, is-suq intern u l-industrija, l-ambjent u r-riċerka kellhom diskussjonijiet tematiċi dwar suġġetti relatati mas-Semestru Ewropew fil-kuntest tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

Fil-vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-ekonomija u l-finanzi tad-19 ta' Jannar 2021, ġew diskussi l-karatteristiċi ewlenin u l-passi li jmiss tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Ministri qasmu l-esperjenzi tagħhom dwar it-tnejn tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-biċċa l-kbira tal-interventi ffukaw fuq l-effett multiplikatur fuq l-ekonomija, il-ħtieġa li l-azzjonijiet jiġu antiċipati, il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sjieda tal-proċess inkluż permezz ta' djalogu b'saħħtu mas-sħab soċjali u, naturalment, l-oġettivi ewlenin tal-pjanijiet - it-tranżizzjoni ekoloġika, it-tranżizzjoni diġitali, il-koeżjoni soċjali u territorjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-edukazzjoni, it-tiżni tas-sistemi tas-saħħa, l-inklużjoni soċjali, amministrazzjoni moderna u diġitali tas-settur pubbliku. Il-Presidenza ddeċidiet li tagħmel l-iskambju ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza suġġett rikorrenti fil-laqgħat tal-Ministri.

Fil-vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-ekonomija u l-finanzi tas-16 ta' Frar 2021, il-Presidenza tat ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali rigward il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tliet Stati Membri ppreżentaw l-abbozzi tagħhom tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u l-proċess ta' tħejjija tagħhom. Fis-16 ta' Marzu 2021, matul il-vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-ekonomija u l-finanzi, il-Presidenza nnotat li ħafna Stati Membri diġà jinsabu fi stadju avanzat ta' tħejjija tal-pjanijiet tagħhom u fakkret li l-irkupru madwar l-Ewropa kollha ser jibbenefika mill-implimentazzjoni rapida tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Kummissjoni laqgħet il-progress li sar minn ħafna Stati Membri dwar il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza mill-aħħar laqgħa 'l hawn, filwaqt li ssottolinjat il-kwistjonijiet pendenti li għandhom jiġu indirizzati. Filwaqt li għandhom jiġu ppreżentati biss pjanijiet kompletament maturi, il-Kummissjoni indikat li hija tilqa' sottomissjonijiet bikrija, sabiex ikunu jistgħu jitqiesu fit-tbassir tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni u jippermettu żborż tal-prefinanzjament kmieni fit-tieni semestru. Tliet Stati Membri għamlu preżentazzjonijiet dwar il-kontenut u l-istat tat-tħejjija tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza .

Fil-25 ta' Frar 2021, il-Ministri responsabbli għas-suq intern u l-industrija kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni permezz ta' vidjokonferenza dwar is-"Semestru Ewropew – Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza bħala strument għat-twettiq tal-għanijiet tal-Politika Industrijali: it-tisħiħ tas-Suq Uniku, it-Tranżizzjonijiet Tewmin u l-Awtonomija Strateġika f'UE Miftuħa".

B'mod ġenerali, il-Ministri ffukaw fuq l-importanza tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u fuq il-ħtieġa li l-ekonomija tal-UE ssir aktar reżiljenti, b'diversi Ministri jirreferu għall-importanza ta' proġetti transkonfinali, kif ukoll ir-rwol ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs) għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-Istati Membri.

Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb u kompetizzjoni ġusta huma l-prekondizzjonijiet biex l-Ewropa toħroġ aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti mill-kriżi tal-COVID-19. Il-Ministri ssottolinjaw l-importanza li jiġi żgurat il-fluss liberu ta' oġġetti u servizzi fis-Suq Uniku.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tqieset bħala opportunità bla preċedent mhux biss biex jiġu żgurati l-irkupru u r-reżiljenza, iżda wkoll biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi, ambjentali u tas-soċjetà. Madankollu, il-finanzjament pubbliku ma jkunx biżżejjed u l-investment privat irid jiġi mobilizzat, filwaqt li għet enfasizzata l-attenzjoni li jenħtieġ li tingħata lill-SMEs.

Il-Ministri ssuġġerew li jiġu eżaminati l-vulnerabbiltajiet u d-dipendenzi tal-UE fuq pajjiżi terzi fir-rigward ta' prodotti, servizzi, teknoloġiji u infrastruttura strateġiċi, u li jiġu identifikati possibbiltajiet għat-tiġħ tal-ktajjen tal-valur globali strateġiċi u d-diversifikazzjoni tas-sorsi esterni ta' provvista, filwaqt li enfasizzaw il-ħtieġa li jitnaqqsu d-dipendenzi kritiċi u tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE. Min-naħa l-oħra, ħafna Ministri ssottolinjaw li l-ekonomija tal-UE hija mibnija fuq il-prinċipju ta' swieq miftuħa u tiddependi fuq regoli multilaterali u network solidu ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles.

Fis-26 ta' Frar 2021, il-Ministri responsabbli għar-riċerka kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni permezz ta' vidjokonferenza dwar il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza fil-kuntest taż-Żona Ewropea tar-Riċerka b'enfasi fuq l-investimenti u r-riformi.

Il-Ministri kienu tal-fehma li r-riċerka u l-innovazzjoni għandhom ikunu fil-qalba tal-irkupru ekonomiku mill-kriżi, mhux biss biex tingħata spinta lill-attività ekonomika, iżda wkoll biex jiġu aċċellerati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u fit-tiġħ tar-reżiljenza tas-sistema kollha. Ir-riformi strutturali u l-investimenti intelliġenti fil-kuntest tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka jistgħu jsaħħu bil-kbir il-koeżjoni ekonomika u soċjali tal-pajjiżi u r-reġjuni tal-UE. Barra minn hekk, dawn ser jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Il-gvernijiet nazzjonali għandhom jaħtfu din l-opportunità biex jimmobilizzaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tingħata spinta lill-investimenti fl-aktar assi ta' benefiċċju taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, bħat-titjib tal-kondizzjonijiet qafas għar-riċerkaturi, il-politiki tax-xjenza miftuħa, l-infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej, kif ukoll għall-massimizzazzjoni tas-sinerġiji bejn il-programmi tal-Unjoni, u bejn il-programmi tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jistgħu jinkludu firxa wiesgħa ta' investimenti u riformi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jistgħu jkunu strumentali fil-progress lejn il-miri tar-Riċerka u l-Iżvilupp, u fl-indirizzar tal-oġettivi strateġiċi kollha taż-Żona Ewropea tar-Riċerka maqbula mill-Kunsill. Dawn l-investimenti u r-riformi jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jagħmlu s-sistemi nazzjonali tar-Riċerka u l-Innovazzjoni aktar reżiljenti u mġammra aħjar biex jiffaċċjaw l-isfidi li jirriżultaw mill-kriżi attwali.

Sar skambju ta' fehmiet dwar l-impjiegi u l-politiki soċjali fis-Semestru fil-kuntest tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza fil-vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-impjiegi u l-politika soċjali fil-15 ta' Marzu 2021, abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza. Il-Ministri taw kontribut għall-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1) Kif jistgħu r-riformi u l-investimenti tal-politika dwar l-impjiegi u l-ħiliet bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jrawmu l-ħolqien ta' impjiegi u tranżizzjonijiet ta' kwalità, b'mod partikolari lejn l-ekonomija ekoloġika u diġitali (f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa), bil-ħsieb li titnaqqas it-tranżizzjoni minn miżuri ta' emerġenza għal bidla strutturali?
- 2) Kif jista' jiġi żgurat li r-riformi tal-politika soċjali u l-investimenti li jidhru fil-pjanijiet nazzjonali jappoġġaw irkupru ġust, inklużiv u sostenibbli fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura?

Ħafna Ministri rrikonoxxew li l-aspetti soċjali u dawk relatati mal-impjiegi jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u taw eżempji ta' riformi ta' politika.

Il-Ministri kkondividew il-fehma li l-Istati Membri qed jidħlu f'fażi ta' tranżizzjoni minn miżuri ta' emerġenza u temporanji għal riformi strutturali tas-suq tax-xogħol u s-sistemi soċjali. Il-politiki soċjali u tal-impjiegi jridu jkunu fil-qalba tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, sabiex jiġi żgurat irkupru inklużiv, ġust u sostenibbli fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Ħafna Ministri enfasizzaw il-ħtieġa li l-ħaddiema u l-persuni qiegħda jingħataw il-ħiliet rilevanti biex ikunu jistgħu jiffaċċjaw l-isfidi l-ġodda tas-suq tax-xogħol fid-dawl taż-żewġ tranżizzjonijiet. Iż-żgħażaġh, in-nisa u l-gruppi żvantaġġati b'mod partikolari jeħtieġ li jkollhom aċċess għal taħriġ immirat biex itejbu l-ħiliet tagħhom u biex ikunu jistgħu jadattaw għall-evoluzzjoni tas-suq tax-xogħol jew biex jappoġġaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn setturi aktar ekoloġiċi.

Barra minn hekk, diversi Ministri fakkru fil-ħtieġa li s-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali jsiru aktar reżiljenti: sistemi ta' protezzjoni soċjali inklużivi u sostenibbli huma kruċjali biex jiġu żgurati dħul adegwat u l-forniment ta' servizzi speċjalment għal dawk li l-aktar għandhom bżonnhom. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jfittxu li jiggarrantixxu aċċess adegwat għal servizzi ta' kwalità u affordabbli, inklużi l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u l-akkomodazzjoni għal kulħadd.

Il-Ministri rrikonoxxew li s-Semestru Ewropew jibqa' l-istrument ewlieni ta' koordinazzjoni għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali. Għal din ir-raġuni, huma insistew li jinżamm ir-rwol fundamentali tal-EPSCO u l-korpi preparatorji tiegħu fil-futur tal-proċess tas-Semestru, mingħajr ma tiġi kompromessa d-dimensjoni soċjali taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, ħafna Ministri tkellmu wkoll dwar il-ħtieġa li nerġġhu lura għal ċiklu sħiħ tas-Semestru dalwaqt.

Fit-18 ta' Marzu 2021 sar skambju ieħor ta' fehmiet dwar is-Semestru Ewropew fil-vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-ambjent, li ffukat fuq il-kontribut tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u dwar il-futur tas-Semestru Ewropew minn perspettiva ambjentali.

Il-Ministri ġibdu l-attenzjoni għall-karattru eċċezzjonali tal-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew 2021, li għandu l-għan li jiżgura koordinazzjoni mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tennew l-opportunità unika li s-Semestru Ewropew jippreżenta biex it-tħassib ambjentali jiġi integrat f'politiki ekonomiċi u ta' investiment usa'. F'dan ir-rigward, il-Ministri laqgħu l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021 peress li din tibni bis-sħiħ fuq l-istrateġija tat-tkabbir tas-sena l-oħra bbażata fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew u fuq il-kunċett ta' sostenibbiltà kompetittiva.

Intwera appoġġ kbir għall-mira ta' 37 % tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-benefiċċju tal-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità u għall-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH). Madankollu, xi delegazzjonijiet esprimew tħassib relatat mal-implimentazzjoni tal-prinċipju DNSH u qajmu mistoqsijiet dwar kif il-Kummissjoni ser tivvaluta dan u l-kontribut tal-proġetti għall-mira klimatika ta' 37 %.

Fid-dawl tal-għażliet diffiċli u d-deċiżjonijiet kumplessi li ġejjin, il-Ministri qablu li s-Semestru Ewropew jibqa' l-mekkaniżmu l-aktar adatt għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u soċjali, għall-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin tal-politika strutturali u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-riformi. Iżda wkoll biex jinżamm rekord tal-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli rilevanti u l-miri ġenerali tal-Patt Ekoloġiku.

F'dan ir-rigward, il-Ministri rrikonoxxew li filwaqt li l-irkupru fuq perijodu qasir għandu jitqies bħala prijorità, ma għandu jkun hemm l-ebda ambitu, madankollu, biex jiġu sfidati l-impenji fit-tul lejn ekonomija aktar sostenibbli. Kif qalu l-Ministri, l-UE teħtieġ li tiżgura li "t-talbiet lin-natura ma għandhomx jeċċedu l-kapaċità tagħha ta' provvista". Huwa importanti li l-eżerċizzji futuri tas-Semestru Ewropew jippreservaw tali impenji u għanijiet ambjentali u klimatiċi.

Filwaqt li rrikonoxxiet id-dimensjoni parlamentari tas-Semestru Ewropew, il-Presidenza pparteċipat fid-Dibattitu Konġunt tal-Parlament Ewropew dwar is-Semestru Ewropew (10 ta' Marzu 2021) u koorganizzat mal-Parlament Ewropew, Konferenza dwar is-Semestru Ewropew u Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea, matul il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea (22 ta' Frar 2021).